

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-9 ta' Novembru 2007 — Il-Polonja vs Il-Kummissjoni(Kawża T-183/07 R) ⁽¹⁾

(“Proċedura sommarja — Direttiva 2003/87/KE — Sistema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra — Pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet għall-Polonja għall-perijodu bejn l-2008 u l-2012 — Deċiżjoni ta' ċaħda tal-Kummissjoni — Talba għal sospensjoni ta' eżekuzzjoni — Nuqqas ta' urġenza”)

(2008/C 8/30)

Lingwa tal-kawża: Il-Pollak

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentant: T. Nowakowski, aġent)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: U. Wölker u K. Herrmann, aġenti)

Suġġett

Talba għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni C (2007) 1295, tas-26 ta' Marzu 2007, dwar il-pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra nnotifikat mill-Polonja għall-perijodu bejn l-2008 u l-2012, skond id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87/KE tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, p. 32)

Dispożittiv

- 1) It-talba għal proċedura sommarja hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

⁽¹⁾ ĠU C 155, 7.7.2007.

Digriet ta' l-Imħallef għal proċeduri sommarji tal-15 ta' Novembru 2007 — Donnici vs Il-Parlament

(Kawża T-215/07 R)

(“Proċedura sommarja — Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew — Verifika tal-kredenzjali ta' l-eletti — Invalidità ta' mandat parlamentari li tirriżulta mill-applikazzjoni tad-dritt elettorali nazzjonali — Talba għal sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni — Ammissibbiltà — Fumus boni juris — Urġenza — Tweżin ta' l-interessi”)

(2008/C 8/31)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Beniamino Donnici (Castrolibero, l-Italja) (rappreżentanti: M. Sanino, G.M. Roberti, I. Perego u P. Salvatore, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: H. Krück, N. Lorenz u A. Caiola, aġenti)

Intervenjenti in sostenn tar-rikorrenti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: I. Braguglia, aġent, assistit minn P. Ġentili, avvocato dello Stato)

Intervenjent in sostenn tal-konvenuta: Achille Occhetto (Ruma, L-Italja) (rappreżentanti: P. De Caterini u F. Paola, avukati)

Suġġett

Talba għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Mejju 2007, dwar il-verifika tal-kredenzjali ta' Beniamino Donnici [2007/2121(REG)], sakemm il-Qorti tal-Prim'Istanza tkun iddeċidiet fuq ir-rikors fil-kawża prinċipali.

Dispożittiv

- 1) L-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Mejju 2007, dwar il-verifika tal-kredenzjali ta' Beniamino Donnici [2007/2121(REG)], hija sospiża.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.